MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1021/1997/1

Dottor Louis **GALEA**

vs

Joe **MIFSUD**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta’ Mejju, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) ssib li l-imħarrek illibellah u immalafamah, billi attribwielu fatti determinanti li jesponuh għad-disprezz tal-pubbliku u li huma maħsuba li jweġġgħuh, jaggravawh u jkissrulu l-fama li huwa jgawdi man-nies, u dan permezz tal-pubblikazzjoni bl-isem “*Id-Djarju ta’ Ciro Del Negro*”, miktub mill-istess imħarrek u maħruġ fl-1 ta’ Mejju, 1997; u (ii) tikkundannah iħallsu dik is-somma li l-Qorti

jogħġobha tillikwida bħala danni, u li ma taqbiżx il-ħamest elef lira Maltin (Lm 5,000) għall-finijiet tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-20 ta' April, 1998, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-pubblikazzjoni msemmija m'hijiex libelluża fil-konfront tal-attur, u dak li fih il-ktieb huwa rapportaġġ ġurnalistiku fidil u sħiħ dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku li huma aċċettati f'soċjeta' demokratika, taħt il-liġijiet dwar l-istampa u wkoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Żied jgħid li l-pubblikazzjoni hija magħmula minn intervisti miġjuba hekk kif ingħadu u magħmulin minn persuni li kellhom x'jaqsmu mal-kwestjonijiet imsemmija. Laqa' wkoll billi qal li l-pubblikazzjoni hija mħarsa bil-privileġġ taħt l-artikoli 12A u 33(b) u (d) tal-Att dwar l-Istampa kif mibdul bl-Att X tal-1996, filwaqt li, safejn jittratta dwar kummenti magħmulin, dawn jikkostitwixxu kumment ġust dwar kwestjoni ta' interess pubbliku u li huma aċċettati f'soċjeta' demokratika u wkoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-13 ta' Novembru, 1998[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*, liema degriet inbidel b'ieħor tat-2 ta' Diċembru, 1998, fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tat-22 ta' Novembru, 1998, fejn il-kawża reġgħet tqiegħdet għas-smigħ;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-14 ta' Diċembru, 1999[2], li biha huwa semma s-siltiet mill-pubblikazzjoni inkriminata li jħossu l-aktar malafamat bihom;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti (diversament presjeduta);

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2003[3], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---
[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġġ. 28 – 30 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-1 ta' Diċembru, 2003[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-24 ta' Jannar, 2004[5], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar malafama bil-mezz ta' stampat. L-attur jgħid li bil-pubblikazzjoni ta' ktieb miktub mill-imħarrek, l-istess imħarrek tah isem ħażin u inġurjah billi attribwielu fatti determinati li, bis-saħħa tagħhom, kixfu għall-istmerrija tan-nies u telliflu ġiehu. Huwa qiegħed jitlob li l-imħarrek jitqies ħati li tah fama ħażina bl-imsemmi ktieb u l-ħlas tad-danni għall-ħsara li ġabitlu dik il-kitba;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad li l-pubblikazzjoni msemmija kienet libelluża fil-konfront tal-attur, u seħaq li dak li fih il-ktieb huwa rapportaġġ ġurnalistiku fidil u sħiħ dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku li huma aċċettati f'soċjeta' demokratika, taħt il-liġijiet dwar l-istampa u wkoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Żied jgħid li l-pubblikazzjoni hija magħmula minn intervisti miġjuba hekk kif ingħadu u magħmulin minn persuni li kellhom x'jaqsmu mal-kwestjonijiet imsemmija. Laqa' wkoll billi qal li l-pubblikazzjoni hija mħarsa bil-privileġġ taħt l-artikoli 12A u 33(b) u (d) tal-Att dwar l-Istampa kif mibdul bl-Att X tal-1996, filwaqt li, safejn jittratta dwar

---

[3] Paġ. 252 tal-proċess
[4] Paġġ. 256 sa 283 tal-proċess
[5] Paġġ. 284 sa 294 tal-proċess

kummenti magħmulin, dawn jikkostitwixxu kumment ġust dwar kwestjoni ta' interess pubbliku u li huma aċċettati f'soċjeta' demokratika u wkoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti u jservi bħala Ministru tal-Gvern sa mill-1987. Fil-leġislatura bejn l-1992 u l-1996 kien iservi bħala Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Politika Soċjali u, f'xi żmien, ukoll Ministru tal-Intern;

Illi l-imħarrek kien jaħdem ta' ġurnalist ma' stazzjon privat tar-radju[6]. F'Ġunju tal-1994 waslitlu ittra anonima[7] miktuba bl-idejn u fl-ilsien ingliż li kienet issemmi tagħrif dwar xi dħul ta' konsenji ta' droga mdaħħla f'Malta bejn Diċembru tal-1992 u Ottubru tas-sena ta' wara. L-ittra ssemmi lil numru ta' persuni li hija tgħid li kellhom x'jaqsmu ma' dawn il-ġrajja. L-attur ma jissemma bl-ebda mod f'dik l-ittra. L-imħarrek għadda t-tagħrif li kien imsemmi f'dik l-ittra lill-Pulizija biex tistħarreġ[8]. Kif mitlub mill-Pulizija, l-imħarrek bħala ġurnalista ma ippubblika xejn dwar dak li kien sar jaf bl-imsemmija ittra;

Illi ftit taż-żmien wara, l-Pulizija ressqet persuna li kienet issemmiet fl-ittra u xlietha bi traffikar ta' droga. Matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda, l-Pulizija esebiet kopja ta' paġni minn djarju miżmum minn wieħed Ciro Del Negro[9] u li l-Pulizija kienet sabet waqt tfittxija li għamlet f'daru fil-bidu ta' Diċembru tal-1995. Dan il-bniedem, li kien ċittadin taljan miżżewweġ Maltija u kienu jgħixu f'Malta, kien diġa' ta stqarrijiet lill-Pulizija f'Awissu, Settembru u Diċembru tal-1995[10];

Illi b'ordni mogħti mill-Prim Ministru fit-3 ta' Marzu, 1995, tneħħa l-i*status* ta' 'persuna eżenti' fil-konfront ta' Del Negro taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Huwa ħalla Malta u mar jgħix fl-Italja. F'April tal-1997, l-imħarrek seħħlu

[6] Xhieda tiegħu 4.5.2001, f'paġ. 67 tal-proċess
[7] Dok "JM1", f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Ass. Kumm. Michael Cassar 6.2.2002, f'paġġ. 185 – 7 tal-proċess
[9] Dok "JM6" u "JM7", f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[10] Dok "JM34" u "JM29", f'paġġ. 109 sa 112 u 95 sa 102 tal-proċess

jagħmel kuntatt miegħu u ltaqgħu fil-belt ta' Salerno u l-imħarrek għammillu intervista fl-ilsien taljan. L-imħarrek daħħal dik l-intervista kollha fil-ktieb inkriminat[11];

Illi fil-21 ta' April, 1997[12], l-imħarrek ħareġ stqarrija għall-Istampa li fiha tenna li ma kienx jibża' mill-ebda theddid u ma kien iwaqqfu xejn mill-kampanja li huwa ħass li kellha ssir biex ikunu magħrufin il-fatti dwar kif iddaħħlet u kienet titmexxa d-droga f'Malta. Fid-29 ta' April, 1997[13], l-attur għamel kwerela kontra l-imħarrek minħabba l-imsemmija stqarrija u dak inhar ukoll ħareġ stqarrija għall-Istampa min-naħa tiegħu[14];

Illi nhar l-1 ta' Mejju, 1997, ħareġ il-ktieb "*Id-Djarju ta' Ciro Del Negro*", miktub mill-imħarrek u mitbugħ mid-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit Laburista bħala pubblikazzjoni mis-Sensiela Kotba Soċjalisti[15]. Fit-8 ta' Mejju, 1997, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi b'konsiderazzjonijiet ta' sura legali u ġuridika marbutin mal-kawża tal-lum, il-Qorti tagħraf li fil-każ li għandha quddiemha, l-inġurja jew malafama li l-attur jgħid li ġarrab tagħmel parti minn ktieb u mhux minn sempliċi artiklu jew pubblikazzjoni oħra. Il-ktieb huwa xogħol tal-imħarrek u ħareġ taħt ismu[16]. Huwa minnu li meta qorti tintalab tqis jekk pubblikazzjoni hijiex libelluża, hija għandha tqis il-pubblikazzjoni kollha, għaliex minn qari sħiħ tagħha wieħed jkun jista' jislet il-qafas jew kuntest ta' dak li jkun inkiteb u l-post tal-kliem meqjus inġurjuż jew malafamanti. Il-Qorti qrat il-ktieb kollu;

Illi, madankollu, billi l-ktieb jitkellem dwar bosta ġrajjiet mifruxa fuq medda ta' żmien, u billi mhux kull ġrajja titkellem dwar jew tolqot lill-attur, il-Qorti tqis li jkun xieraq li tibda biex tidentifika liema siltiet l-attur innifsu jħoss li jagħtuh fama ħażina. Dan, wara kollox, huwa meħtieġ ukoll għaliex il-Qorti trid bilfors toqgħod għal dak li l-parti

[11] Paġġ. 131 sa 162 tad-Dok "A"
[12] Dok "JM44", f'paġġ. 139 sa 140 tal-proċess
[13] Dok "JM18", f'paġ. 58 tal-proċess
[14] Dok "JM19", f'paġ. 59 tal-proċess
[15] Dok "A", mehmuż mal-atti tal-kawża
[16] Xhieda tal-imħarrek 4.5.2001, f'paġ. 63 tal-proċess

attriċi tkun talbitha u ma tistax timraħ lil hinn minn dak li tkun intalbet;

Illi fil-każ tal-lum, kien l-attur minn jeddu li talab u tħalla jressaq nota li fiha wera liema huma s-siltiet tal-ktieb li huwa ħass li l-aktar kienu jimmalafamawh. Il-Qorti tirreferi għaliha biex ma toqgħodx terġa' ttawwal u ssemmi s-siltiet kollha. L-attur reġa' elenka s-siltiet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu wkoll[17]. Minn dawn is-siltiet, joħroġ ċar li dak li l-attur joġġezzjona għalihom huma żewġ linji ta' ħsieb: (i) dawk li jitkellmu dwar tmexxija ta' droga u (ii) dawk dwar tentativi ta' tixħim fit-tmexxija ta' proġetti kbar bħal dak tal-isptar il-ġdid, u dan safejn l-imsemmija linji ta' ħsieb jinvolvu lilu;

Illi l-imħarrek jilqa' għall-azzjoni mibdija kontrih b'żewġ suriet ta' eċċezzjoni: dawk maħsuba biex jaqilgħu l-kitba tiegħu 'il barra mill-azzjoni ta' libell u dawk maħsuba biex juru li, f'kull każ, il-kitba tiegħu ma kenitx tammonta għal pubblikazzjoni malafamanti jew li kienet ġustifikabbli. Taħt tal-ewwel għamla nsibu r-raba' eċċezzjoni, filwaqt li taħt it-tieni sura nsibu l-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet;

Illi l-Qorti tibda billi tqis **is-siwi tal-eċċezzjoni li l-kitba hija mħarsa bil-privileġġ**. L-imħarrek, f'din ir-raba' eċċezzjoni tiegħu, jisħaq li l-kitba tiegħu hija meħuda minn atti tal-qrati u fatti misluta minn dokumenti li tressqu waqt proċeduri ġudizzjarji. Huwa jindika l-artikoli 12A u 33(b) u 33(d) tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri kemm dwar il-privileġġ kwalifikat u kif ukoll dwar dak assolut;

Illi minn qari tal-artikolu 12A imsemmi, l-Qorti ma tarax kif l-imħarrek jista' jinqeda bih biex jagħti kenn għal dak li kiteb. Dan qiegħed jingħad għaliex dak l-artikolu tal-liġi jħares biss lill-"editur" jew lill-persuna "responsabbli għall-pubblikazzjoni". Jekk wieħed jara x'tifsira tagħti l-liġi lil dawn iż-żewġ termini (art. 2) l-ebda waħda minnhom ma tgħodd fiha lill-awtur ta' xi pubblikazzjoni, bħalma huwa l-imħarrek tal-lum, u għalhekk huwa ma jistax jinqeda b'dik

[17] Paġġ. 258 sa 261 tal-proċess

id-difiża ladarba ma jikkwalifika bħala l-ebda waħda mill-persuni li għalihom jgħodd dak l-artikolu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-artikolu 33(b) tal-Att dwar l-Istampa hawn ukoll ma jidhirx li l-eċċezzjoni tal-imħarrek tista' tintlaqa' għaliex fil-biċċa l-kbira tas-siltiet imsemmija mill-attur, ma tirriżulta l-ebda pubblikazzjoni ta' komunikazzjonijiet uffiċjali jew dikjarazzjonijiet magħmulin b'bona fidi għall-għanijiet imsemmijin f'dak l-artikolu. L-attur bl-ebda mod ma qiegħed jilminta mill-kontenut ta' xi wieħed mill-bosta dokumenti meħudin minn atti ġudizzjarji jew riprodotti minn komunikazzjonijiet bejn uffiċjali pubbliċi: huwa jilminta minn partijiet tal-ktieb li ħarġu mill-pinna tal-imħarrek u li ma jammontawx għal pubblikazzjonijiet li għalihom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu msemmi;

Illi l-imħarrek jistrieħ ukoll fuq dak li jipprovdi l-artikolu 33(d) tal-Kap 248. Huwa minnu li l-ktieb fih siltiet twal riprodotti minn xhieda mogħtija waqt proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll għadd ta' dokumenti li jikkonsistu f'atti tal-Qorti jew dokumenti mressqin minn xiehda matul dawk l-atti. Iżda ma jistax jingħad li l-ktieb fih biss rapportaġġ ta' dawk l-atti. Huwa magħruf li l-privileġġ marbut ma' din l-għamla ta' pubblikazzjoni jgħodd biss għal tagħrif bħal dak u jekk fil-pubblikazzjoni jkun hemm xi kitba li ma tkunx instiltet minn rapportaġġ bħal dak, ma tiritx b'daqshekk biss il-kwalita' ta' pubblikazzjoni privileġġata għar-raġuni waħedha li tkun tqiegħdet qalb kitba mħarsa b'dak il-privileġġ;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*for privilege to apply, report 'must be strictly confined to the actual proceedings in court, and must contain no defamatory observations or comments from any quarter whatever, in addition to what forms strictly and properly the legal proceedings'. This is true if, for example, the report contains comment inextricably mixed with what happened in court or remarks plainly unconnected with the proceedings*"[18]. F'każ ta' kumment bħal dan, u sakemm ikun wieħed ġust ta' dak li

[18] Gatley *On Libel & Slander* (10th Edit, 2004) § 13.43

jkun sar fil-proċediment quddiem qorti, l-aktar li jista' jingħad hu li dak huwa kumment ġust, iżda mhux kumment imħares bil-privileġġ;

Illi safejn l-azzjoni tal-attur f'din il-kawża tinbena fuq l-allegazzjonijiet marbutin ma' xi sehem li huwa seta' kellu mad-dħul u t-traffikar f'Malta ta' droga jew f'xi tentativ ta' tixħim, il-Qorti ma sabet l-ebda att jew dokument tul il-ktieb kollu inkriminat li jagħmel minn xi proċediment ta' qorti u li jista' jingħad li jagħti ħarsien taħt il-privileġġ dwar dak li l-imħarrek kiteb fih dwar l-attur;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li r-raba' eċċezzjoni hija tajba u m'hijiex sejra tilqagħha;

Illi l-Qorti sejra issa tqis **l-ewwel talba tal-attur** fid-dawl ta**l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek**.  L-attur jisħaq li dak li nkiteb dwaru mill-imħarrek fil-ktieb inkriminat huwa minnu nnifsu malafamanti:  huwa jgħid li, kull fejn seta', l-imħarrek ra x'għamel biex jorbtu ma' ġrajja li huwa ma kellux x'jaqsam magħha bl-ebda mod u billi rabtu u assoċjah ma' nies oħra li jissemmew fil-ktieb li mġibithom kienet wasslithom biex jitressqu l-Qorti fuq xiljiet ta' reati. L-attur jilminta l-aktar mill-fatt li, fis-siltiet minnu identifikati, l-imħarrek jimplikah f'imġiba marbuta ma' attivita' kriminali li tagħmillu ħsara kbira kemm bħala persuna privata, u wisq aktar bħala persuna fil-ħajja pubblika;

Illi l-imħarrek jisħaq li xejn minn dak li kiteb fil-ktieb tiegħu u li jirreferi għall-attur ma huwa malafamanti jew libelluż fil-konfront tal-istess attur.  Huwa jgħid li kulma tniżżel kien joħroġ minn atti u dokumenti li kien ilhom fid-dominju pubbliku għal żmien twil u li kienu qanqlu interess qawwi fil-pajjiż.  Iżid jgħid li kulma nkiteb huwa l-frott ta' ġurnaliżmu investigattiv li ħa żmien, sabar u xogħol kbir biex ħalla r-riżultat li nkiseb minnu;

Illi l-Qorti tqis li l-għan dikjarat tal-ktieb inkriminat huwa wieħed marbut mat-taqbida kontra t-tixrid tad-drogi f'pajjiżna u huwa maħsub li jagħti lill-qarrej "tieqa miftuħa

fuq ix-xena maħmuġa tat-tixrid tad-droga”[19]. Bla ebda dubju, fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala ġurnalist (kif kien dak iż-żmien li kiteb il-ktieb), l-imħarrek kien daħal b’ruħu u ġismu li jistħarreġ sewwa din il-pjaga u jirriżulta wkoll li kien iħabrek f’assoċjazzjonijiet iddedikati biex jissieltu u jaħdmu fis-soċjeta’ Maltija biex jaqilgħu ’l-vittmi tal-abbuż u traffikar tad-droga mill-vizzju li twaqqgħu fih. Ħareġ ukoll li meta l-imħarrek waslitlu l-ittra anonima f’Ġunju tal-1994, għażel li jgħaddiha lill-awtoritajiet kompetenti biex imexxu u jistħarrġu dwar dak li kien fiha, minflok ħataf l-okkażjoni biex jagħmel xalata sensazzjonali minnha fil-ġurnali jew jippublikaha b’vantaġġ għall-ħidma ġurnalistika tiegħu, u minkejja l-elementi qawwija ta’ interess pubbliku li tabilfors kienet kieku tiġġenera. L-imħarrek rażżan lilu nnifsu biex ma jtellifx l-istħarriġ li l-Pulizija kienet qiegħda tagħmel dwar it-tagħrif li dik l-ittra kienet tathom;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-ktieb inkriminat jitkellem dwar id-Djarju ta’ Del Negro – kif jixhed it-titolu tal-ktieb innifsu – u l-qafas ta’ ġrajjiet marbutin mal-fatti msemmijin fih. Dan id-djarju (li, minn dak li tressaq quddiem il-Qorti huwa xi tliet folji minn djarju sħiħ) kien instab mill-Pulizija waqt tiftixa li huma għamlu fid-dar ta’ Del Negro, żmien wara li l-imħarrek kien għadda l-ittra anonima lill-Pulizija. Ħareġ, madankollu, li ħafna minn dak li kien inkiteb fl-ittra kien jaqbel ma’ dak li kien inkiteb (żmien qabel) fl-imsemmi djarju. L-ittra kienet inkitbet minn mart Del Negro imma iddettata minnu[20]. L-imħarrek kiseb ukoll konferma mingħand Del Negro meta għamillu l-intervista f’Salerno, liema intervista nġabet sħiħa fil-ktieb tal-imħarrek u fl-ilsien li fih saret bla tnaqqis ta’ xejn;

Illi ħareġ ukoll li, matul ix-xhur ta’ Lulju, Awissu u Settembru tal-1996, kienet tqanqlu fil-pubbliku waqt konferenzi politiċi minn persuni mdaħħlin fil-ħajja politika, xiljiet dwar abbużi dwar konsinnji ta’ droga li setgħet iddaħħlet f’Malta minn nies li kienu membri ta’ delegazzjonijiet ministerjali tal-Gvern taż-żmien[21]. Dawn ix-xiljiet, u l-polemika marbuta magħhom, baqgħu

[19] Paġġ. 5 – 6 tad-Dok “A”
[20] Xhieda tal-imħarrek 4.5.2001 u tal-Ass. Kumm Michael Cassar 6.2.2002, f’paġġ. 80 u 195 tal-proċess
[21] Ara paġġ. 110 sa 120 tad-Dok “A”

għaddejjin tul il-kampanja elettorali kollha qabel l-Elezzjoni Ġenerali li saret f'Ottubru ta' dik l-istess sena;

Illi l-Qorti tqis li l-imħarrek jisħaq ukoll li huwa bl-ebda mod ma kiteb li l-attur kien involut direttament jew indirettament mad-drogi jew mat-traffikar tagħhom. Huwa jtenni wkoll il-fehma tiegħu li lanqas jemmen li l-attur kien hekk involut[22]. Huwa jgħid li dan tant huwa minnu li l-ktieb ġab ukoll iċ-ċaħda tal-attur (permezz ta' stqarrija għall-Istampa) dwar l-implikazzjonijiet mal-każ. Min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tal-attur staqsa kemm dikjarazzjoni bħal din tista' tittieħed b'serjeta' ladarba l-ktieb huwa miżgħud b'riferenzi għall-attur u saħansitra b'ritratt tiegħu maħsuba biex jorbtuh ma' Del Negro;

Illi kif jingħad f'dan ir-rigward f'każijiet bħal dawn, dak li trid tara l-Qorti huwa x'jifhem qarrej ta' dehen ordinarju meta jaqra l-ktieb u s-siltiet identifikati mill-attur, u mhux daqstant x'fehma jew x'animu seta' kellu l-awtur meta kitbu. Hekk ukoll, il-kliem pubblikat irid jinftiehem fis-sens ordinarju tiegħu u fil-qafas tal-pubblikazzjoni kollha kemm hi. Imqar fejn ma jkunx intuża kliem dirett, jekk kemm-il darba jinxteħet kliem li jwassal lill-qarrej biex jagħraf għal min qiegħed jgħid jew li jorbot lil persuna identifikata ma' xi allegazzjoni malafamanti (*innuendo*), hemm ukoll titnissel il-ħtieġa li l-Qorti tqis jekk saritx malafama jew le. Fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li f'xi bnadi tal-ktieb sar sewwasew hekk fil-konfront tiegħu[23];

Illi, kif sewwa ħafna tenna l-imħarrek fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ma tistax tingħata tifsira tajba tal-Liġi dwar l-Istampa jekk ma jittiħidx kont tal-fatt li d-dritt tal-espressjoni ħielsa (kif imħares bil-Kostituzzjoni u wkoll bl-Att XIV tal-1987) jistħoqqlu applikazzjoni effettiva[24]. Dan jgħodd fejn kritika tkun ħarxa u personali[25]. U jgħodd aktar fejn il-persuna li lilha ssir il-kritika tkun waħda pubblika jew f'rabta ma' xi fatt tal-ħajja pubblika tagħha

---

[22] Paġ. 287 tal-proċess
[23] §§ 5 u 12 tad-Dikjarazzjoni Maħlufa tiegħu, f'paġġ. 4 u 6 tal-proċess
[24] App. Ċiv. **4.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.48**)
[25] App. Ċiv. **8.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Mons. Anton Gauċi vs Michael Schiavone noe et*** (mhix pubblikata)

jew dwar aspett ta’ dik il-ħajja pubblika li tkun ta’ interess pubbliku[26];

Illi, madankollu, kif sewwa jtenni l-attur fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tiegħu, kritika ħarxa f’dawn il-parametri ma hijiex liċenza għall-inġurja bla ražan li twaqqa’ l-ġieh tal-persuna kritikata u bla ma tali kritika tkun imsejsa fuq fatti li jkunu minnhom. Il-bilanċ li jrid jinżamm huwa dak tal-ħtieġa tas-soċjeta’ in ġenerali li tkun mgħarrfa bi ħwejjeġ li huma ta’ interess għaliha u l-jedd daqstant ieħor sagrosant li kull bniedem li jgħix f’soċjeta’ demokratika jistħoqqlu l-ħarsien tal-integrita’ personali tiegħu;

Illi huwa miżmum ukoll li jekk kemm-il darba l-pubblikazzjoni tkun rapport ta’ kliem li minnu nnifsu huwa malafamanti, ma jiswiex lill-awtur ta’ dak il-kliem li jilqa’ għax-xilja ta’ malafama billi jgħid li kulma għamel kien biss li tenna x’qal ħaddieħor[27]. Kemm hu hekk jingħad li “*Every republication of a libel is a new libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated with him*”[28]. L-istess awturi jgħallmu li “*where A wrote a libellous letter to D, and D republished extracts in a pamphlet , it was held that the fact that the letter was written by A, and that D honestly believed the statements in it to be true, was no defence to an action for such republication.*” Min jirrepeti kliem diffamatorju jew inġurjuż li jkun ingħad minn ħaddieħor ma jistax jibbenefika minn ebda eżenzjoni jew tnaqqis ta’ ħtija[29];

Illi minbarra dan, jekk kemm-il darba l-Qorti tasal għall-fehma li l-malafama teżisti fi mqar waħda minn fost bosta siltiet li bihom il-parti attriċi tħossha malafamata, l-azzjoni tal-libell tkun waslet fil-mira tagħha għaliex jekk b’dik il-malafama l-ġieh tal-persuna mġarrba jkun tnaqqar, ma jiswiex wisq li l-bqija tal-pubblikazzjoni ma tkunx ġabitlu wkoll l-istess ħsara;

---

[26] App. Ċiv. **15.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)
[27] Art. 24 tal-Kap 248
[28] Gatley *op. cit.* § 6.26
[29] App. Ċiv. **28.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joe Galea vs Joe Mifsud***

Illi l-Qorti terġa' ttenni li l-attur jilminta minn dawk is-siltiet tal-ktieb inkriminat li jissuġġerixxu jew jasserixxu li (i) f'xi delegazzjonijiet ministerjali li siefru fuq xogħol uffiċjali barra minn Malta kellu miegħu persuna jew persuni li daħħlu d-droga f'Malta u (ii) li hu jew persuni qrib tiegħu setgħu kellhom x'jaqsmu ma' tixħim fl-għoti ta' kuntratti fi proġetti kbar f'pajjiżna;

Illi b'mod partikolari, minn kif inhuma mfasslin is-siltiet identifikati mill-attur, għall-qarrej ordinarju tal-ktieb il-fehma li titnissel hija li dik id-droga ddaħħlet minn xi persuna li kienet mal-attur (bħalma jissemmew ukoll Ministri tal-Gvern oħrajn ta' dak iż-żmien) meta d-delegazjonijiet reġgħu ġew lura f'Malta u li t-tixħim sar minn persuna "*che a sua detta rappresentava il Ministro Louis Galea e a sua detta altri potenti*"[30]. Matul is-smigħ tal-kawża u mill-provi dokumentali li tressqu, din il-persuna kienet identifikata bħala Norman Beżżina. Dan kien tassew ingħata ħatra ta' konsulent mal-Ministeru tal-attur fl-1989[31], kien jgħin lill-attur fix-xogħol politiku tad-distrett tiegħu[32], u kien ukoll siefer darba mal-attur f'delegazzjoni ministerjali bejn Marzu u April tal-1991[33];

Illi l-Qorti tqis li allegazzjonijiet ta' din is-sura ma huma xejn anqas minn xilja ta' abbuż ta' s-setgħat li l-Ministri tal-Gvern kien ikollhom meta jsiefru barra l-pajjiż fuq xogħol uffiċjali, minbarra li tali abbuż jirrigwarda attivita' illegali marbuta ma' traffikar ta' droga, jiġifieri ma' mġiba li tikkostitwixxi reat. L-istess jingħad dwar l-allegazzjoni tat-tixħim jew "suġġeriment għall-ħlas ta' *tangenti*". Ifissru wkoll li s-setgħat ta' persuna maħtura fit-tmexxija tal-pajjiż kienet qiegħda tkun strument (imqar jekk b'mod passiv jew minn wara daharha) biex tiddaħħal id-droga f'Malta jew li, bl-istess influwenza tagħha, kienet tindaħal, permezz ta' nies qrib tagħha, f'atti ta' tixħim. Dawn iż-żewġ għamliet ta' mġiba, jekk kemm-il darba kellhom ikunu minnhom, kienu jfissru wkoll nuqqasijiet gravi minn min kien qed jagħmilhom jew iħalli li jsiru, aktar u aktar jekk dak li jkun kien ukoll Ministru tal-Gvern;

---

30 Dok "JM30", f'paġ. 103 tal-proċess
31 Dok "JM21", f'paġġ. 83 – 5 tal-proċess
32 Xhieda tal-attur 15.10.2001, f'paġġ. 165 sa 178 tal-proċess
33 Dok "JM28", f'paġ. 94 tal-proċess

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-attribuzzjoni permezz ta' pubblikazzjoni lil xi persuna ta' mġiba li tikkostitwixxi reat hija ħaġa li tnissel il-fama ħażina f'dik il-persuna u minnha nnifisha ġġib l-effetti maħsuba mil-liġi tal-Istampa[34]. Tali effetti jgħoddu meta l-attribuzzjonijiet ikunu diretti kemm lejn persuna privata u, jekk mhux aktar ukoll, lejn persuna bi profil għoli fil-ħajja pubblika[35]. Għallanqas sa issa, fil-moħħ kollettiv tas-soċjeta' tagħna, li timplika lil persuna b'imġiba li tammonta għal reat ma jitqiesx bħala kumpliment. Attribuzzjoni jew imġiba bħal din jitolbu l-prova tal-fatt kriminuż allegat u xejn anqas minn hekk[36]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirrileva li fil-ktieb inkriminat, l-imħarrek jistieden saħansitra lill-attur biex "jekk m'għandux x'jaħbi għandu jgħin biex tkun magħrufa l-verita' kollha u li jikkolabora mal-Pulizija biex isiru magħrufa min kienu dawk li daħħlu d-droga f'pajjiżna"[37];

Illi l-Qorti tagħraf li biex il-fatti allegati jkunu sostanzjalment minnhom, ma huwiex meħtieġ li kull fatt li jissemma jrid ikun eżattament minnu. Saħansitra huwa permess ukoll li xi pubblikazzjoni maħsuba li tikkritika lil xi ħaddieħor ikun fiha xi element ta' fatt li ma jkunux ġew ippruvati. Iżda, fejn il-fatt allegat huwa determinanti u ewlieni għall-finijiet tal-istess pubblikazzjoni, in-nuqqas tal-prova ta' dak il-fatt jew jekk jintwera li l-fatt allegat ma jkunx minnu jew li saħansitra jaddebita lill-persuna mġarrba bit-twettiq ta' reat, hemmhekk tkun saret malafama[38];

Illi l-intervista hija wieħed mill-metodi magħrufa li bih ġurnalist jista' jwettaq il-ħidma tiegħu biex iwassal lill-qarrejja l-fehmiet jew it-tagħrif li jixtieq jgħarraf. Ingħad li "*news reporting based on interviews constitutes one of the most important means whereby the press is able to play its vital role of 'public watchdog'. The methods of*

[34] App. Ċiv. **1.2.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.172**)
[35] P.A. JSP **5.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Eddie Fenech Adami vs Frans Ghirxi et*** (mhix pubblikata)
[36] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et*** (mhix pubblikata)
[37] Dok "JM44", f'paġ. 140 tal-proċess
[38] App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mifsud vs Daphne Caruana Galizia*** (mhix pubblikata)

*objective and balanced reporting may vary considerably, depending among other things on the medium in question; it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted by journalists*"[39]. L-intervisti nfushom jikkostitwixxu fatt u pubblikazzjoni ta' intervista hija, essenzjalment, pubblikazzjoni ta' fatt li seħħ, iżda dak li jingħad f'intervista ma jsirx fatt ippruvat għar-raġuni waħedha li l-kliem ikun ingħad waqt l-intervista, u dan ukoll jekk kemm-il darba wieħed jaraha mill-perspettiva tad-dritt tal-kronaka[40]. Għalhekk huwa meħtieġ li dak li jingħad tul intervista li tkun pubblikata, jekk jista' jkun malafamanti, ikun ippruvat bħala fatt, imqar ukoll jekk mhux sal-grad taċ-ċertezza assoluta. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-fatt allegat (f'intervista jew, f'kull fejn ikun, f'xi pubblikazzjoni) ikun addebitu ta' mġiba kriminali jew ta' reat;

Illi meta l-Qorti għarblet il-proċess biex tara xi provi tressqu biex isaħħu l-imsemmija xiljiet, ma rriżultalha xejn fl-atti tal-kawża aktar minn kummenti. Għall-kuntrarju, kif ingħad qabel, ħareġ biss li l-imħarrek ġab l-i"smentita" magħmula mill-attur innifsu fl-istqarrijiet għall-Istampa li dan għamel sa minn qabel ħareġ il-ktieb. Filwaqt li l-imħarrek innifsu stqarr li huwa bl-ebda mod ma kien qiegħed iqis li l-attur, kemm direttament jew indirettament, kien imdaħħal fl-għemejjel li ssemmew qabel. Għall-Qorti, dan ifisser li jaqa' wieħed mis-sisien meħtieġa biex l-imħarrek ikun jista' jiġġustifika l-kummenti li huwa għamel jew imqar li jiġġustifika l-għażla tiegħu li jaċċetta li jirriproduċi l-kummenti li ħaddieħor, hu min hu, deherlu li kellu jagħmel dwar l-attur;

Illi jekk wieħed jaqra sewwa l-partijiet tal-intervista li l-imħarrek għamel lil Del Negro fejn jirrigwarda l-imsemmija xiljiet, għandu jiltaqa' ma' dawn ir-rimarki mtennija mill-istess intervistat: "*Io non ho fatto altro che riferire dei fatti di cui ero venuto a conoscenza da Etienne Gatt. ... le note che sono nel diario datate 5 ottobre, 6 ottobre, e 7 ottobre sono delle note che io (ho) scritto in riferimento alle*

[39] Q.E.D.B. **16.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Selisto vs Finlandja*** (Applik. Nru. 56767/00) § 59
[40] App. Inf. PS **25.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. David Aġius vs Aleks Farruġia et***

*situazioni che Etienne mi ha detto. ... Tutto. Tutto. Quello che ho scritto mi e` arrivato da Etienne Gatt*"[41]. Dan jixhed b'mod ċar li, wkoll fil-każ tal-intervistat Del Negro, l-"fatt" imsemmi kien biss x'sama' minn ħaddieħor u mhux x'kien jaf hu direttament. Minbarra dan, bejn dak li kiteb fl-ittra anonima ta' Ġunju tal-1994 u dak li qal waqt l-intervista f'April tal-1997 dwar id-droga li ddaħħlet f'Malta, jirriżulta li lill-imħarrek qallu "*e` molto semplice, c'e` la roba, cioe` la droga a Malta arrivava puntualmente con persone inviate dal Governo le quali passavano dal VIP senza aprire i bagagli*"[42]. Dan huwa kliem x'aktarx differenti minn dak li kien qal qabel meta qal li d-droga ddaħħlet minn membru ta' delegazzjoni ministerjali li, b'xi mod, intrabtet ma' persuna – Norman Beżżina – li mal-attur irriżulta li siefer biss f'delegazzjoni ministerjali waħda u dan fl-1991 (jiġifieri, żmien għal kollox differenti minn dak kopert fil-paġni tad-djarju u, wisq anqas f'dak imsemmi fl-ittra anomina ta' Ġunju tal-1994);

Illi dan iġib il-konsegwenza li l-fatti addebitati lill-attur ma jirriżultawx pruvati lanqas fil-grad mistenni fi proċediment ċivili. Għalhekk l-istess addebiti jew xiljiet huma malafamanti u inġurjużi bi ħsara għall-attur u jiġbdu fuqhom is-sanzjonijiet maħsuba fil-liġi[43]. Minbarra dan, waqt it-tiftix li l-Qorti kienet qiegħda tagħmel hi u tistudja l-kawża, irriżultalha wkoll li l-kliem innifsu li kien ingħad f'dan ir-rigward u li l-imħarrek bena fuqu s-Seba' Kapitolu tal-ktieb inkriminat kien tqies mill-Qrati bħala kliem libelluż u li ta fama ħażina lill-attur[44];

Illi l-imħarrek iddedika biċċa sewwa mill-każ tiegħu biex jagħti aktar dawl fuq l-għemil ta' Norman Beżżina u l-mod kif hu kien ikollu x'jaqsam mal-attur fil-ħajja pubblika tiegħu. Minn dan kollu ma ħarġet l-ebda prova li turi li kien minnu li Beżżina kien membru ta' delegazzjoni ministerjali mmexxija mill-attur li fiha nġabet droga f'Malta. Il-fatti li ħarġu dwar Bezzina, f'dan ir-rigward, kollha

---

[41] Ara paġġ. 156 – 8 tad-Dok "A"
[42] Paġ. 135 tal-istess Dok "A"
[43] Ara, P.A. **27.4.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi Cachia vs Frendo et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.792**)
[44] Ara P.A. RCP **23.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Louis Galea vs Onor. Prim Ministru*** (mhix pubblikata), konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**17.6.2005**

seħħew wara l-fatt tal-mawra tad-delegazzjoni, filwaqt li ċirkostanzi oħrajn – bħall-ittra anonima mibgħuta lill-imħarrek minn "messaġġier" fil-Ministeru tal-attur f'Lulju tal-1997[45] u l-proċeduri kriminali mibdijin konta Beżżina f'April tal-2001 dwar traffikar ta' droga[46] – ma jistgħu qatt jitqiesu bħala provi li kienu jirreferu għaż-żmien meta siefret l-imsemmija delegazzjoni jew li saħansitra nebbhu jew influwenzaw il-kliem li tniżżel fil-ktieb inkriminat, li ħareġ għall-pubbliku f'Mejju tal-1997;

Illi l-istess jingħad għax-xilja li l-attur kien imdaħħal f'atti ta' tixħim dwar proġetti kbar, bħal fil-każ tal-bini tal-isptar il-ġdid. Minbarra li l-qofol tal-ktieb hu maħsub li jittratta l-problema tat-tixrid tad-droga f'Malta u kif tiddaħħal f'pajjiżna, jidher li l-episodju tat-tixħim jissemma marġinalment fil-kors tal-intervista li l-imħarrek għamel lil Del Negro[47]. Hawn ukoll, l-imħarrek ma żammx lura milli jimplika lill-attur, u dan sempliċement fuq dikjarazzjoni li Del Negro jagħmel fejn jgħid li, f'laqgħa li saret "*Nella prima quindicina di giorni di novembre 1993*"[48], Bezzina kien iddikjara li hu kien qed jidher għal-laqgħa f'isem l-attur. Fil-kontro-eżami tal-attur, l-imħarrek seħaq ukoll dwar il-fatt li wara li Beżżina ma ġġeddidlux l-ingaġġ tiegħu bħala konsulent fil-Ministeru tal-attur, tqabbad bħala konsulent tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi li wkoll kienet taqa' taħt id-dikasteru tal-attur[49]. Iżda minn din ix-xhieda kollha ma ħareġ xejn li juri li l-attur kien qabbad jew ħajjar lil Beżżina jitkellem f'ismu u wisq anqas li huwa uża l-pożizzjoni tiegħu għal xi kunsiderazzjoni favorevoli. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li, f'każijiet bħal dawk allegati, l-grad ta' prova huwa wieħed tassew iebes biex jinkiseb u mhux lakemm wieħed jislithom minn rimarki, konġetturi jew botti li xiħadd ifettillu jitfa' hu u għaddej b'taħdita;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek ma tirriżultax mistħoqqa fil-fatt u l-liġi u m'hijiex sejra tintlaqa';

---

[45] Dok "JM24", f'paġġ. 88 sa 90 tal-proċess
[46] Dok "JM42", f'paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[47] Paġġ. 154 – 5 tal-istess Dok "A"
[48] Dok "JM30", f'paġ. 103 tal-proċess
[49] Xhieda tal-attur 15.10.2001, f'paġġ. 174 – 6 tal-proċess (ara wkoll paġġ. 231 – 3 tal-proċess)

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tqis il-**ħames eċċezzjoni** li tinbena fuq il-kumment ġust. Ma’ dan, l-imħarrek jorbot sfiq l-aspett tal-jedd ta’ espressjoni ħielsa kif imħarsin mil-liġi;

Illi ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-**difiża tal-kumment ġust** tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta’ dik il-fehma ma saritx b’ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa’ lil dak li jkun[50]. Il-Qorti tifhem li din il-linja ta’ interpretazzjoni meħuda mill-Qrati Maltin tista’ titqies bħala rigoruża u stretta, meta mqabbla mal-fehmiet ta’ awtoritajiet jew duttrina evoluta fl-aħħar żminijiet[51], l-iżjed fejn jidħol l-aspett tal-fatti li jsawru jew jagħtu l-bidu għall-kumment li jkun sar;

Illi jidher li mhux dejjem inżammet distinta d-differenza bejn l-eċċezzjoni tal-verita’ tal-fatti u dik tal-kumment ġust, illi, għalkemm joqorbu lejn xulxin, jintgħarfu l-waħda mill-oħra wkoll għall-elementi essenzjali tagħhom, b’mod partikolari fejn jidħol il-fattur tal-fatti fil-pubblikazzjoni impunjata[52]. B’dan il-mod huwa aċċettat li “*a writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail. Comment based on matters of opinion only, which may or may not be true, equally affords no defence*”[53];

---

[50] Ara App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Debono vs Saviour Balzan***
[51] Ara, b’eżempju, Gatley *op. cit*, §§ 12.7 – 12. 14
[52] Ara, P.A. **6.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Eddie Fenech Adami vs Dr. Alfred Sant*** (mhix pubblikata) u App. Inf. **13.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Cachia Caruana vs Dr. Anġlu Farruġia***
[53] *Op. cit.* § 12.14

Illi ma jistax jonqos li l-kwestjoni tal-lum iddaħħal ukoll il-konsiderazzjoni tal-bilanċ li jrid jintlaħaq bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imħarsa fil-liġi tagħna u dak mhux anqas siewi tal-ħarsien tal-privatezza tal-persuna u l-ġieh u l-fama li mistennija li jitħarsu fl-istess jedd. Kemm hu hekk, id-difiża tal-kumment ġust fi ħwejjeġ li jolqtu l-interess pubbliku hija mxebbha mat-tarka nnifisha tal-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-linja ta' kejl li l-liġi tagħti hi li "*all should be able to comment freely, and even harshly, so long as they do so honestly and without malice*"[54]. Minbarra dan, l-interess pubbliku huwa aspett essenzjali għat-tressiq tad-difiża tal-kumment ġust[55];

Illi fuq kollox huwa mistenni li, meta titqajjem id-difiża tal-kumment ġust imsejjes fuq fatti sostanzjalment minnhom, il-kumment li jsir jingħaraf mill-fatti li fuqhom jistrieħ. Kif ingħad, "*comment in order to be justifiable as fair comment must appear as comment and must not be so mixed up with the facts that the reader cannot distinguish between what is report and what is comment ... Any matter, therefore, which does not indicate with a reasonable clearness that it purports to be comment, and not statement of fact, cannot be protected by the plea of fair comment*"[56];

Illi kif diġa' ngħad, biex din id-difiża tgħodd, trid tkun mibnija fuq fatti li ġraw u mhux fuq fatt mistħajjel jew mgħawweġ skond il-fehma ta' min ikun qed jagħmel il-kumment inġurjuż. Huwa mgħallem, li biex tkun tajba, d-difiża tal-kumment ġust trid tintwera li l-bażi ta' kull kritika jew kumment li ssir taħtha jinbnew fuq fatti li "ikunu vera fil-kompletezza tagħhom"[57];

Illi minħabba l-fatt li l-Qorti waslet għall-fehma li ma rriżultaw bl-ebda mod il-fatti allegati mill-imħarrek dwar id-dħul f'Malta ta' droga minn persuni f'delegazzjonijiet ministerjali mmexxija mill-attur jew dwar tixħim fi proġetti pubbliċi ewlenin, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-kumment

---

[54] *Op. cit.* § 12.1
[55] *Op. cit.* § 12.27
[56] Fletcher-Moulton L.J fil-kawża ***Hunt vs Star Newspaper*** (**1908**) 2 K.B. 309
[57] App. Ċiv. **21.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġelo Fenech pro et noe vs Anthony Montanaro et*** (mhix pubblikata)

ġust ma tistax tintlaqa', lanqas fil-parametri wiesgħa li eċċezzjoni bħal dik tista' tgħodd dwar ħwejjeġ ta' interess pubbliku u fejn jidħlu fin-nofs persuni pubbliċi;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ it-**tieni eċċezzjoni tal-imħarrek** li tgħid li l-fatti msemmija fil-ktieb inkriminat jikkonsistu f'rapportaġġ fidil u sħiħ dwar kwestjonijiet ta' interess pubbliku aċċettabbli f'soċjeta' demokratika bil-liġijiet tal-Istampa u skond il-Konvenzjoni;

Illi f'dan ir-rigward, l-imħarrek jgħid li l-kwestjonijiet kollha li kiteb dwarhom fil-ktieb tiegħu kienu tal-ogħla interess pubbliku li kienu jitolbu li ma tintagħmel l-ebda "sarima" kontra t-trasparenza u l-liberta' tal-informazzjoni li jiggarantixxu li toħroġ il-verita'. Huwa jtenni li dak li għamel bil-ktieb tiegħu ma kienx sempliċi eżerċizzju ta' dritt bħala ġurnalist, iżda wkoll li jwettaq dmiru li jxandar stejjer u jagħti tagħrif dwar l-istess kwestjonijiet. B'mod partikolari, jisħaq li, kif magħruf mill-Qorti ta' Strasbourg, kull ġurnalist f'soċjeta' demokratika għandu jitħalla jwassal it-tagħrif liċ-ċittadini b'mod mill-aktar wiesa' għaliex huwa b'dan il-mod li ċ-ċittadin ikun f'qagħda li jifforma l-fehmiet tiegħu dwar dak li jkun qiegħed iseħħ u dwar il-mexxejja tiegħu. Huwa jżid jgħid li l-ktieb tiegħu huwa l-frott ta' ġurnaliżmu investigattiv;

Illi min-naħa tiegħu, l-attur, filwaqt li jagħraf dawn il-limiti u li hu, bħala persuna prominenti fil-ħajja pubblika, jistenna tolleranza għolja għall-kritika li ssirlu, jibqa' jisħaq li l-ħarsien tal-jedd tal-liberta' tal-informazzjoni mogħti lil ġurnalist jibqa' jseħħ sakemm dan iwettaq dmiru b'bona fidi, fuq tagħrif imsejjes fis-sewwa u bil-ħsieb li jagħti tagħrif ta' min joqgħod fuqu skond ir-regoli tal-etika tal-professjoni ġurnalistika[58];

Illi fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta

[58] Ara Q.E.D.B **20.5.1999** fil-kawża ***Bladet Tromso and Stensaas vs Norveġja*** (Applik.Nru. 21980/93), § 65

minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("*fair*") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ[59];

Illi f'dan ir-rigward jinsab stabilit li "*filwaqt li ġurnal jista' jippubblika 'fatti' li jidhirlu li huma ta' interess ġenerali, dawk il-'fatti' jridu jkunu veri u seħħew tassew. Ġurnalist irid jassumi r-responsabbilita` ta' dak li jistampa, u jekk ma jinvestigax u jieħu ċans billi jirrapporta fuq l-ewwel impressjoni, irid ibati l-konsegwenzi jekk jirriżulta li jkun żbalja. Jekk ġurnalista jippubblika xi ħaġa bħala fatt, irid ikun lest li jipprova dak il-fatt, u jekk ma jirnexxielux jagħmel dan, u l-allegat 'fatt' ikun malafamanti, irid ibati l-konsegwenzi. Ġurnalist ma jistax jirrapporta bhala 'fatt' sempliċement għax 'deherlu' li hekk ikun ġara, jew għax kien taħt 'impressjoni' li dak il-fatt seħħ. ... Fil-kawża* ***Galea v. Mifsud****, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li ġurnaliżmu investigattiv għandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija għandha tagħti marġini u latitudini mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara, ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et,*** *Qorti ta' l-Appell, 8/6/2004); u wieħed jista' jmur oltre u jgħid ukoll li meta si tratta ta' tali ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista' jagħti l-każ li, jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta li xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie ppublikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER (D) 132 (Oct)). ... Ġurnalist għandu dritt jippubblika dak li jqis bħala 'fatti', iżda jrid jerfa' r-responsabbilita` għal*

[59] App. Ċiv. **26.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Beżżina vs Joe Mifsud***

*dak li jirraporta. Anke jekk ikun in bona fede, dan ma jiskulpahx f'każ ta' stqarrijiet malafamanti li ma jkunux veritjeri. Ġurnal jista' jippubblika dak li hu fatt, u mhux (dak) li jidhirlu li hu fatt. Fil-każ ta'* ***Colombani and others v. France****, deċiża mill-Qorti Ewropea, il-ġurnal in kwistjoni ġie skużat għax straħ fuq rapport investigattiv ta' terzi. Dan jattalja ma' dak li osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq rapportata, fejn fatti inveritjieri kontenuti f'rapport investigattiv magħmul in bona fede jistgħu jiġu skużati. Mhux l-istess jista' jingħad, pero`, fejn ġurnal jagħzel biex jippubblika dak li hu jqis bħala 'scoop' ġurnalistiku mingħajr ma jagħmel ebda verifika*"[60];

Illi l-Qorti tifhem ukoll li dak li jgħodd għal ġurnal jew gażżetta jgħodd ukoll għal kull għamla ta' pubblikazzjoni – bħall-ktieb maħruġ mill-imħarrek – li tqis li hija r-riżultat ta' ġurnaliżmu investigativ;

Illi xieraq jingħad li meta jkun qiegħed jitqies jekk teżistix limitazzjoni mistħoqqa tal-jedd tal-espressjoni ħielsa, mhux ta' min iwarrab it-twiddiba li "*post-publication sanctions may have an impact on the publication of information other than that against which they are directed because of their 'chilling effect' on those responsible for the subsequent production of other materials*"[61]. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni ta' ċerti kategoriji partikolari ta' persuni fil-ħajja pubblika tqieset bħala raġuni rilevanti li għaliha l-indħil jew limitazzjonijiet li l-Istat jista' jagħmel għall-jedd tal-espressjoni ħielsa għandhom jiġu mifhuma f'tifsira dejqa aktar milli wiesgħa[62]. Fost dawn il-kategoriji, ewlenija fosthom hija dik ta' persuni involuti fil-ħajja pubblika, l-iżjed dawk fil-qasam politiku, u, partikolarment, f'ċerti żminijiet waqt kampanji elettorali[63];

Illi l-Qorti tqis ukoll li ż-żamma tal-bilanċ bejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa u l-jedd għar-riputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb tal-persuna hija preokkupazzjoni kruċjali li l-Qrati tagħna żammew quddiem għajnejhom f'każi ta' din l-

---

[60] Kost. **16.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Aquilina noe et vs Avukat Ġenerali et***
[61] Harris, O'Boyle & Warbrick.*Law of the European Conventionon Human Rights* paġġ. 387 – 8
[62] Q.E.D.B **23.4.1992** fil-kawża ***Castells vs Spanja*** (Applik. Nru. 11798/85), §§ 42 – 3
[63] Q.E.D.B. **6.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Malisiewicz-Gasior vs Polonja*** (Applik. Nru. 43797/98) § 67

għamla, ukoll meta ingħatat tifsira aktar liberali tal-jedd tal-espressjoni ħielsa[64]. Fil-qasam ta' proċedimenti taħt il-Liġi tal-Istampa u kif dawn jaħbtu mal-jedd tal-espressjoni ħielsa, il-Qorti m'għandhiex għalfejn telabora, u jidher biżżejjed li tirreferi għas-sentenza li ngħatat fis-7 ta' April, 2003, mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Glenn Bedingfield kontra l-Kummissarju tal-Pulizija et***[65]. li fiha ġabra sfiqa ta' prinċipji rilevanti u aġġornati tat-tifsira tajba li jmissha tingħata għall-bilanċ ta' jeddijiet hawn fuq imsemmi. Minnha joħroġ ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanzjonijiet maħsuba fil-liġijiet tagħna dwar l-Istampa huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, kif imfissra f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg[66]. Il-Qorti tħoss li għandha żżid ukoll li l-"bilanċ" li huwa mistenni li jinżamm bejn il-jedd ta' espressjoni ħielsa u l-ħarsien tar-reputazzjoni tal-persuni privati ma jfissirx qies indaqs bejn dawn iż-żewġ interessi opposti[67]: x'aktarx li tal-ewwel jingħata piż aqwa għas-siwi tiegħu, u għalhekk il-kriterju huwa dak tal-proporzjonalita' aktar milli tal-kejl indaqs;

Illi l-kwestjoni tal-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni kif manifestat fil-jedd għat-tixrid ta' tagħrif jidher li għadha miexja bi żviluppi aġġornati li jinbnew madwar il-ħsieb li aktar ma l-Istampa twettaq dmirha mingħajr il-biżgħa ta' riperkussjonijiet li jxekkluha milli twettaqhom, aktar jispikkaw il-kredenzjali demokratiċi tas-sistema ġuridiku li fiha taħdem. Kemm hu hekk, ta' min isemmi li "(*a)s well as the content of speech, its vehicle may also prove to be relevant. In this regard, the Court seems especially indulgent towards the press ... In* ***Lingens vs Austria,*** *the Court stated that the importance of free expression will be especially strong when the alleged libel is published by the established press, which is seen as having an incumbent role in the furtherance of democracy 'to impart information and ideas on political issues just as*

---

[64] App. Ċiv. **16.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joseph M. Fenech vs Louis Cauchi et*** (mhix pubblikata)
[65] Kollez Vol: **LXXXVII.i.96**
[66] Ara, per eżempju, Q.E.D.B **27.6.2000** fil-kawża ***Constantinescu vs Rumanija*** (Applik.Nru. 28871/95**)** §§ 67 – 9 u Q.E.D.B.**10.6.2003** fil-kawża ***Cumpana & Mazare vs Rumanija*** (Applik. Nru. 33348/96), §§ 46 – 9
[67] Q.E.D.B. **22.2.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Barfod vs Danimarka*** (Applik. Nru. 11508/85), § 29

*on those in other areas of public interest'.*"[68] Dan iġib miegħu ukoll il-ħtieġa ta' Stampa matura u responsabbli, motivata mir-rieda li tinforma 'l-qarrejja u tifforma l-fehmiet tagħhom, fil-ħarsien tar-regoli tal-etika u mhux miġbuda mill-kilba għas-sensazzjonaliżmu u l-iskandlu jew mill-qadi ta' interessi partikolari fis-soċjeta';

Illi għalhekk huwa mgħallem ukoll li "*(w)here the Court views the statement as not being seriously made, in particular if published without proper research and investigation or with an improper motive, then it will not wish to protect what it views as bad journalism. It is up to journalists to establish their facts in advance*"[69];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li lanqas it-tieni eċċezzjoni ma hija tajba u m'hijiex sejra tilqagħha. It-**tielet eċċezzjoni** ma hijiex kontradetta għaliex hija stqarrija ta' fatt, iżda jrid jingħad li jidher sewwa mad-daqqa t'għajn li l-ktieb inkriminat m'huwiex magħmul biss minn intervisti fidili, iżda wkoll minn kummenti mferrxa 'l hawn u 'l hinn matul il-ktieb;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi dwar it-**tieni talba attriċi** jingħad li din hija konsegwenza naturali meta tintlaqa' talba dwar sejbin ta' pubblikazzjoni malafamanti. F'dan ir-rigward, l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. Jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[70];

Illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti qiegħda tqis li ġie kostatat li l-fatti msemmija jew attribwiti lill-attur bl-ebda mod ma jirriżultaw, li x-xiljiet kienu dwar imġiba li tiġbor

[68] Gatley, *op cit*, § 23.18, paġ. 735
[69] *Ibid.* , paġ. 737
[70] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)

fiha għamil kriminali, minbarra li huma atti ta' abbuż minn kariga pubblika, u dan jimmerita sanzjoni qawwija, meħud kont ukoll kif dawn l-addebiti kienu saru fi żmien meta kienu għadhom iqanqlu interess u segwitu fuq skala nazzjonali. Hemm ukoll il-fatt li l-ktieb kien maħsub għal firxa wiesgħa ta' qarrejja u ngħata pubbliċita kbira minn qabel inħareġ. Fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li ħadet qies tal-artikolu 28(2) tal-istess, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li l-imħarrek irid iħallas lill-attur fis-somma ta' elfejn euro (€2,000);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek immalafama lill-attur bil-pubblikazzjoni tal-ktieb "*Id-Djarju ta' Ciro Del Negro*" u dan billi attribwielu fatti determinati li jnaqqsu l-ġieh tal-attur jew li jqiegħduh għad-disprezz tal-pubbliku;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn euro (€ 2,000) bħala danni likwidati għall-finijiet tal-liġi minħabba l-imsemmija malafama, bl-imgħaxijiet legali b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv u flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------